MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 203/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Neil Harrison)**

**Vs**
Etienne Mangion

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer f'April, 1998 u matul l-ahhar 16 il-xahar qabel din id-data:**

**a) bejgh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza;**
**b) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanata Cannabis u dan bi ksur tal- Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor, bil- licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil- pussess tieghu dina d- droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir- ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar- regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**d) talli ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Awla 9) fil-11 ta' Jannar, 1996.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-artikolu 17(b) u (h) tal-Kap. 9, l-artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(I), 22(1)(B), ir-raba' w s-sitt Taqsima tal-Kap. 101, u r-regolament 8 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) biss u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija w mitejn lira Maltija (LM200), liema multa tista' tithallas fi zmien tliet xhur u fin-nuqqas tinbidel f'erbghin (40) jum habs u kkundannat lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-espert tekniku li jammontaw ghal LM35.25. u, f'kaz li dawn ma jithallsux, il-hlas jinbidel fi prigunerija ta' sitt (6) ijiem ohra u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati tar-raba'

imputazzjoni w hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w tiddikjarah mhux hati ta’ din l-imputazzjoni w konsegwentement tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti li tirrigwarda l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament erronju w interpretazzjoni zbaljata tar-rizultanzi processwali bil-konsegwenza li l-principji legali minnha msemmija gew applikati skorrettement rigward l-akkuza ta’ traffikar. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti tat piz lil certi provi li jmur oltre s-semplici mezz ta’ kontroll u minnflok uzat siltiet minn dawn id-dokumenti biex tathom piz probatorju , meta hi stess kienet iddikjarat li ma kienux provi ammissibbli kontra l-appellant . Jekk l-Ewwel Qorti ma kienetx qed temmen lix-xhud tal-Prosekuzzjoni Adrian Farrugia, allura kellha tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ traffikar ta’ cannabis u dana proprju ghaliex l-unika prova ammissibbli fuq it-traffikar ta’ cannabis kienet ix-xhieda viva-voce tal-imsemmi xhud.**
**2. Illi anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jikkonkludi li l-konnotati msemmija fl-istqarrija lill-pulizija mill-istess xhud jaqblu, dan jista’ jfisser ukoll li x-xhud kien jaf lill-appellant *sic et simpliciter*.**
**3. li apparti dan kollu w bla pregudizzju , l-Ewwel Qorti lanqas ma setghet tasal ghas-sejbien ta’ htija fuq l-ewwel imputazzjoni essendo li minn imkien ma hemm prova ta’ traffikar fil-periodu inkriminat;**
4 . illi in subsidium jinghad li l-Ewwel Qorti ma kkummentat xejn fuq il-fatt illi l-konfront li kellu jsir bejn PC 1221 P. Attard u x-xhud baqa’ ma sar qatt u fuq il-fatt li l-konnotati tal-vettura ma jaqblux u huma differenti , pero’ jinghad illi dan huwa irrilevanti proprju ghaliex dak il-konnotat huwa msemmi f’ dokument li m’ghandu ebda effett probatorju; Minnflok ikkummentat fuq l-ammont ta’ eroina li nstabet , precizament l-ammont ta’ 2.872 grammi u dan ghamlitu ghall-finijiet ta’ piena li kellha tinfliggi fuq ir-

reat ta’ traffikar , meta l-ewwel imputazzjoni kienet fuq traffikar ta’ cannabis u mhux ta’ eroina.

**Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tal-4 ta’ Novembru, 2004, li bih iddikjarat li taqbel li l-istqarrija ta’ xhud qatt ma setghet tittiehed wahedha bhala prova sakemm ma gietx konfermata bil-gurament , pero’ sostniet li hemm ragunijiet ohra li seta’ jinsab hati tahthom l-appellant.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi tista’ tghid li aggravji kollha tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali :** “Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.” **[12.5.94]; “I**r-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi “ **[14.2.1989];** “Il-Pulizija vs. Carmel sive

Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis.**

**Illi l-provi kontra l-appellant fuq din l-ewwel imputazzjoni huma s-segwenti :- Kif xehedu l-Ispettur Neil Harrison, P.S. 210 Sandro Magro u P.C. 213 Nikolai Borg, kienet saret tfittxija fir-residenza tal-appellant, Flat 1, Block 6, Triq il-Gnien, Santa Lucia, fil-21 ta' Jannar, 1997 , u hemm f' idejh il-lemenija, nstabet plastic bag zghir b' xi trab kannella suspettata li kienet eroina u f' idejh l-ohra kellu lighter u karta ta' zewg liri li kienet irrumblata forma ta' "pipe" . Wara l-Pulizija sabet ukoll kaxxa zghira tas-suffarini li kien fiha xi haxixa, fil-kamra tas-sodda tieghu. L-appellant meta kien gie nterrogat, ammetta li kellu fil-pussess tieghu dawn l-affarijiet u kien qal li xi erbat ijiem qabel kien xtara madwar erba grammi Eroina ghall-uzu personali tieghu . Ammetta ukoll li kien ipejjep il-haxixa . L-appellant kien ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu.**

**Il-Prosekuzzjoni kienet ukoll ipproduciet bhala xhud taghha lil Adrian Farrugia (Fol. 29) li beda biex xehed li fl-10 t' April, 1998, (i.e. fuq sena w xaharejn wara s-sejba fuq imsemmija) hu kien gie arrestat f' Ghawdex , wara li go flat kienu sabulu raza tal-cannabis, li dak iz-zmien hu kien ipejjep bhala blokka. Mistoqsi minn fejn kien jixtri din id-droga kien pront wiegeb : "Jiena li nista' nghid , lil dan il-bniedem lanqas biss nafu." U rega' rrepetiha. Umbaghad konfrontat bl-istqarrija ffirmata tieghu, fejn kien indika lill-appellant bhala l-fornitur tieghu, hu qal li dak li kien semma fil-konfront tal-appellant hu kien qalu ghax il-Pulizija kienu bdew jghidulu "minn Santa Lucia" u li "ghandu Alfa" u hu dak il-hin beda jghid kollox iva. Dak il-hin kellu biza kbira ghax kienu qabduh l-ewwel darba u kollox iva**

**beda jghid. Baqa' jsostni li lill-appellant ma jafux. Xehed ukoll li meta fl-istqarrija tieghu kien semma li kien xtara d-droga xi hmistax il-darba minnghand l-appellant, din ma kienux issuggerewhielu l-Pulizija imma kienet frott tal-biza' ghax hu jitlaq il barra ried. Minkejja li gie riprodott f' okkazzjoni ohra, dan Farrugia baqa' jghid l-istess haga sostanzjalment u cioe' jiskaguna kompletament lill-appellant mit-traffikar u jghid li l-konnotati li kien ta kien tefaghhom "purament bl-addocc". (fols. 29 sa 34 u 36 sa 51).**

**Umbaghad mir-relazzjoni tal-espert Spizjar Mario Mifsud irrizulta li l-haxix imfarrak li kien hemm fil-kaxxa tas-suffarini fid-dokument 02 ASG 03 f' ammont totali ta' 1.487 grammi kien weraq tal-cannabis , kif ukoll li t-trab kannella li kien hemm fil-borza dokument 02 ASG 04, f' ammont nett totali ta' 2.872 grammi nstabet fih is-sustanza Herojina , kif ukoll fuq il-karta tal-flus taz-zewg liri w fuq bicca *foil* instabu tracci tas-sustanza Heroijina (Fol-58). Meta rega' xehed (fols.74 sa 79 ) dax-xhud spjega li l-karta taz-zewg liri rrumblata setghet kienet qed tintuza mill-appellant ghal "*snorting"* tal-*"vapour*" minnflok ma jinjetta ruhu bl-eroina. Qal ukoll li l-cannabis tista' tintuza biex persuna tmewwet il-"*withdrawal symptoms*" tal-heroin stess.**

**L-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti u fl-istqarrija tieghu ma giex mistoqsi xejn dwar traffikar.**

**Ikkonsidrat ;**

**Issa ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-pussess tal-eroina w cannabis da parti tal-appellant riferibilment ghas-sejba taghhom li saret f' Jannar, 1997 kif fuq intqal. L-unika kontestazzjoni hija dwar it-traffikar. Hawn il-Prosekuzzjoni taqbel mad-difiza li l-istqarrija moghtija minn Adrian Farrugia lill-Pulizija u li tinsab fil-kopja ufficjali tal-process** "Il-Pulizija vs. Adrian Farrugia**" (Dok. BZ) mhux ammissibbli bhala prova la darba qatt ma kienet giet konfermata bil-gurament.**

**Din il-Qorti taqbel u tqis li ghalkemm l-istqarrija ta' Adrian Farrugia setghet intuzat – kif intuzat – mill-partijiet u mill-Qorti biex tikkontrolla lix-xhud waqt id-depozizzjoni tieghu f' dan il-process quddiem l-Ewwel Qorti , qatt ma tista' ssarrafha fi prova. Anki jekk l-Ewwel Qorti , in vista ta' din l-istqarrija tieghu , ddecidiet li ma temminx lill-Adrian Farrugia meta xehed quddiemha, sa hemmhekk setghet tasal u ma setghetx targumenta "*a contrario sensu*" li allura kien veru dak li kien stqarr mall-Pulizija .**

**Il-Prosekzzjoni pero' ssottomettiet li hemm provi ohra li fuqhom wiehed jista' jibbaza l-htija fir-rigward tat-traffikar . Imma din il-Qorti ghal kuntrarju tinnota li ma jibqa' ebda prova kwalsiasi ohra fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. Di fatti ghalkemm l-appellant li nqabad *"red handed*" mall-ewwel ammetta l-pussess fl-isqarrija tieghu (Fols. 5 u 6), fl-istess stqarrija hu ma gie mistoqsi ebda domanda dwar traffikar mill-Pulizija . U dan ghaliex kif stqarr l-Ispettur Neil Harrison in kontro-ezami, meta hu kien interroga lill-appellant fis-27 ta' Jannar, 1997, hu kien qed jinvestah fuq pussess dak iz-zmien.**

**Lanqas jidher li hemm xi *"circumstantial evidence*" li minnha gudikant jista' jasal ghall-inferenza univoka li dak li sabu l-Pulizija, bhal per ezempju : l-kwantu kwantita' ta' droga, xi dokumenti li juru listi ta' konsumaturi, xi numri tat-telefon tal-konsumaturi , ecc. kien intiz ghall-ispaccjar tad-droga.**

**Ghalhekk, fl-assenza ta' ebda prova ammissibbli li tista' anki tohloq prova *prima facie* ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija dwar l-Ewwel imputazzjoni la legalment u lanqas ragjonevolment u konsegwentement kellha tilliberah.**

**Illi in vista' ta' din il-konkluzzjoni, din il-Qorti m' ghandix ghalfejn tidhol fl-aggravji l-ohra tal-appellant.**

**Illi ghalkemm ma hemmx aggravju *"ut sic"* dwar il-piena , huwa ovvju li in vista tal-konkluzzjoni dwar in-nuqqas ta' htija tal-ewwel imputazzjoni , dan irid jigi rifless fil-piena.**

**Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant jidher li hu gie sentenzjat darbtejn mill-Qrati fuq pussess ta' droga; darba ta' cannabis u darba ta' eroina w l-ewwel darba w cioe' fil-11 ta' Jannar, 1996, kien gie liberat b' kondizzjoni li ma jergax jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt snin u t-tieni darba kien gie kkunndannat LM300 multa ghal reat kommess fil-5 ta' Dicembru, 1996. Kien ukoll gie liberat b' kondizzjoni w mmultat LM250 meta f' okkazzjoni precedenti kien instab hati ta' serq aggravat u danni volontarji fuq mutur u sewqan bla licenzja. Minkejja li l-Qrati tawh aktar minn opportunita' wahda biex jirriforma ruhu , jidher li l-appellant ma hax lezzjoni mill-proceduri penali kontra tieghu precedenti w baqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu. Konsegwentement din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz , anki ghar-reati ta' pussess tad-droga eroina w raza tal-cannabis , ghandu jkun hemm piena karcerarja.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni w mhux hati tar-raba addebitu w in kwantu kkundannatu ghall-mitejn lira Maltin (LM200) multa, liema multa tista' w ghandha tithallas fi zmien tlitt xhur u, fin-nuqqas, tinbidel f' erbghin jum habs u in kwantu kkunndannatu jhallas l-ispejjez tal-espert tekniku li jammontaw ghall-LM35.25c u, f' kaz li dawn ma jithallsux, il-hlas jimbidel fi prigunerija ta' sitt (6) ijiem ohra w tirrevokaha in kwantu sabitu hati ukoll tal-ewwel imputazzjoni w in kwantu kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija w minnflok tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni w minnha tilliberah u tikkunndannah ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tlitt xhur ghat-tieni w ghat-tielet imputazzjoni w**

**dan flimkien mall-multa fuq imsemmija, a tenur tal-artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kap.101.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------